**Formatted:** Line spacing: 1.5 lines

**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 44 – 9 ta' Frar 2015**

***Minuti tal-44 laqgħa tal-Kunsill tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn, 9 ta' Frar, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 44. Il-laqgha bdiet fis-6:35 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Alfred Grixti** | Sindku |
| | **Thomas Agius** | Vici-Sindku |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Duncan Bartolo** | Kunsillier |
| | **Joseph Fsadni** | Kunsillier |
| | **Catherine Sammut** | Kunsillier |
| | **Dr. Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Skużati:** | Cain Grech | Kunsillier |
| **Assenti:** | Hadd | |
| **Pubbliku:** | Robert S. Tabone | Works Co-Ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

**QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-Minuti ta' Agenda 43 li ttiehdu waqt il-laqgha tal- 15 ta' Jannar 2015 . Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Il- Kunsillier Duncan Bartolo ippropona li dawn il-minuti jigu approvati. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Catherine Sammut , Duncan Bartolo, Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti ġew approvati (183).

**2 HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI**

2.1 Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li l-fanali ta' Marshall Gardens issa jinsabu nstallati u qed jixghelu.

2.2 Is-Sindku Alfred Grixti qal li s-Segretarju baghat l-informazzjoni mitluba dwar il-Capital Projects Scheme lid-Dipartiment kif iddecieda l-Kunsill fil-laqgha precedenti.

2.3 Is-Sindku Alfred Grixti qal li kienet qed jithabat sabiex s-sala tal-iskola tintuza mill-Kunsill ghall-aerobic classes u l-lezzjonijiet taz-zfin. Kien hemm diversi ostakli sabiex fl-ahhar inghatajna twegiba fil-pozittiv sabiex tkun tista tintuza din is-sala.

2.4 Is-Sindku Alfred Grixti qal li jista jkun hemm laqgha b'urgenza kemm minhabba it-tender tal-knis u anke minhabba l-approvazzjoni tal-Accounts ghas-sena finanzjarja 2014.

**3. KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien ircieva ittra minghand l-Arcipriet dwar l-organizazzjoni tal-festa ta' San Filep ghas-sena 2015.

3.2 Is-Sindku Alfred Grixti pogga l-*presentation* tas-26 ta' Jannar 2015 waqt il-laqgha tal-Kabinett li saret Haz-Zebbug, fejn gew imressqa n-nuqqassijiet li hawn gewwa Haz-Zebbug fosthom;

a. It-Toroq taz-Zona tal-Grazzja tan-naha tal-bandli l-godda

b. It-Toroq taz-zona ta' Hal Muxi

c. Il-hrug minn Vjal il-Helsien

d. Il-bzonn li jinhass ghall-Dar ta' l-Anzjani, Day Centre , kif ukoll Night Shelter u ghaldaqstant il-proposta li qed issir mill-Kunsill Lokali li tigi devoluta ghal 99 sena l-art li fuqha hemm il-ground ta' l-Infetti biex fuqha tinbena d-dar tal-Anzjani u talba ghall-bicca art tal-Gvern fil-periferija biex fuqu jinbena Centru Sportiv.

4. **VOT TAL-FLUS**

4.1 Is-Sindku Alfred Grixti gab ghall-attenzjoni il-vot tal-flus li jammonta ghal Eur50,525.63. Il-Kunsillier Joseph Fsadni ppropona li l-vot tal-flus jigi approvat kif mressaq. Huma gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Catherine Sammut , Duncan Bartolo, Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti ġew approvati (184).

**Tender Soft Areas**

Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Bord tal-Aggudikazzjoni dwar it-Tenders li l-kompozizzjoni tieghu tirrifletti il-bilanc politiku tal-Kunsill Lokali, iltaqa sabiex jiddiskutu it-Tender tas-Soft Areas.

Il-Kunsillier Philip Said dahal ghal laqgha fis-6:50p.m.

Il-Vici Sindku Thomas Agius dahal ghal laqgha fis-7.00p.m.

Is-Sindku Alfred Grixti qara ir-rapport kif prezentat mill-Bord. Kien hemm zewg offerti minghand:

1. Waste Collection
2. WM Environmental Ltd

Minhabba l-kundizzjoniet li kien hemm fit-tender jghidu specifikament li jrid ikun hemm kemm Originali kif ukoll il-Kopja tad-Dokumenti. Waste Collection m'osservax din il-kundizzjoni u ghalhekk gie skwalifikat. WM Environmental kellu d-dokumenti kollha kif suppost u ghal daqshekk kien validu.

Ghaldaqstant is-Sindku Alfred Grixti ppropona li dan it-tender jinghata lil WM Environmental. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Catherine Sammut , Duncan Bartolo, Philip Said u Joseph Fsadni,

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** il-Vici Sindku Thomas Agius.

Il-proposta giet approvata (185).

**Tenders**

Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-process tal-hrug u l-ghoti tat-tenders huwa laborjuz hafna. Huwa qal li bhalissa hemm sitt tenders li skadew jew waslu biex jiskadu u ghaldaqstant ma jkunx sew li dan il-process isir issa minhabba li dalwaqt jilhaq Kunsill gdid. Dawn huma:

1. Tindif ta’ zoni mhux urbani
2. Manutenzjoni Streetlighting
3. Tiswija ta’ Toroq Urbani
4. Perit tal-Kunsill
5. Servizzi ta’ Printer
6. Gbir ta’ Skart

Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li dawn it-tenders jigu mgedda ghal 6 xhur. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo.

Il-Vici-Sindku Thomas Agius qal li ser ikun qed jastjeni minn dan il-vot. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Catherine Sammut, Duncan Bartolo, Philip Said u Joseph Fsadni,

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** il-Vici Sindku Thomas Agius.

Il-proposta giet approvata (186).

Dahal il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina fis-7:25pm.

**5. MISTOQSIJIET**

Il-Kunsillier Philip Said qal li qed ikollu hafna lmenti dwar iz-zona tal-Grazzja. Is-Sindku Alfred Grixti qal li tkellem mal-Konsulent tal–Ministeru Michael Cohen dwar Eur130,000 li hemm allokkati ghal Haz-Zebbug. Jekk Transport Malta ser taghmel numru ta' toroq, jista' jintuza dan l-ammont sabiex isiru aktar toroq. Barra minnhekk is-Sindku qal li jekk il-hsarat tat-toroq ikunu ta' aktar minn 60%, tigi responsabbilita' tat-Transport Malta.

Dwar iz-zona ta' Hal Muxi, il-kuntrattur responsabbli mill-patching intalab sabiex iqaxxar u jimla il-hofor.

Is-Sindku qal ukoll li gie mitlub mill-Arcipriet li jitwehhlu U-Bars hdejn iz-zuntier. Dan minhabba li qieghda ssir hafna hsara lill-balavostri taz-zuntier.

Il-laqgha spiccat fis-7:30p.m.

**AGGORNAMENT**

Il-laqgha giet aggornata ghall-Erbgha 18 ta' Frar fis-6:30pm.

| | |
|---|---|
| **Alfred Grixti,** | ______________**Paula M. Valletta,** |
| **Sindku.** | ___________**Segretarju Ezekuttiv.** |